



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13583/20
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0342(NLE)

TRANS 572

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 770 final
Suġġett:	ANNESS tal-Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) billi tiġi estiża l-possibbiltà ta' adeżjoni għar-Renju tal-Marokk

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 770 final.

Mehmuż: COM(2020) 770 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.11.2020
COM(2020) 770 final

ANNEX

ANNESS

tal-Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) billi tiġi estiża l-possibbiltà ta' adeżjoni għar-Renju tal-Marokk

PROTOKOLL

**LI JEMENDA L-FTEHIM DWAR IT-TRASPORT OKKAŻJONALI INTERNAZZJONALI
TA' PASSIĠĠIERI BIL-KOWĊ U BIX-XARABANK (IL-FTEHIM INTERBUS) BILLI
TIĠI ESTIŻA L-POSSIBILTÀ TA' ADEŻJONI GĦAR-RENJU TAL-MAROKK**

IL-PARTIJET KONTRAENTI,

WARA LI KKUNSIDRAW il-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus)¹ u d-dħul fis-seħħ tiegħu fl-1 ta' Jannar 2003²,

WARA LI KKUNSIDRAW ix-xewqa li jkomplu jiżviluppaw ir-relazzjonijiet internazzjonali tat-trasport tal-passiġġieri, it-turiżmu u l-iskambju kulturali lil hinn minn dawk il-pajjiżi li bħalissa huma eliġibbli għall-adeżjoni,

WAQT LI JIXTIEQU jifih l-Ftehim Interbus għall-adeżjoni tar-Renju tal-Marokk,

WAQT LI JIKKUNSIDRAW li l-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) billi tiġi estiża l-possibbiltà ta' adeżjoni għar-Renju tal-Marokk ("il-Protokoll dwar ir-Renju tal-Marokk") kien miftuħ għall-iffirmar fi Brussell bejn is-16 ta' Lulju 2018 u s-16 ta' April 2019,

WAQT LI JIRRIKONNOXXU li matul il-perjodu ta' hawn fuq, mhux il-Partijiet Kontraenti kollha ffirmaw il-Protokoll dwar ir-Renju tal-Marokk,

WAQT LI JIXTIEQU jippermettu li l-Partijiet Kontraenti kollha jkunu jistgħu jiffirmaw il-Protokoll,

WAQT LI JIKKUNSIDRAW li jkun aktar xieraq għall-Protokoll dwar ir-Renju tal-Marokk li jidħol fis-seħħ ladarba l-Partijiet Kontraenti kollha għall-Ftehim Interbus jkunu rratifikaw il-Protokoll,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Interbus huwa miftuħ biss għall-adeżjoni tal-membri tal-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport (ECMT) u għal ċerti pajjiżi Ewropej oħra kif stabbilit f'dan il-Ftehim.
- (2) Ir-Renju tal-Marokk, filwaqt li għandu status ta' osservatur fl-ECMT, mhuwiex membru u lanqas ma huwa intitolat jaderixxi mal-Ftehim Interbus f'dan l-istadju.
- (3) Biex jinfetħ il-Ftehim Interbus għall-adeżjoni tar-Renju tal-Marokk, jenħtieġ li l-Ftehim Interbus jiġi emendat,

IDDEĊIDEW li jemendaw il-Ftehim Interbus kif xieraq, u

¹ ĠU L 321, 26.11.2002, p. 13.

² ĠU L 321, 26.11.2002, p. 44.

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 30 tal-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus), il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Dan il-Ftehim għandu wkoll ikun miftuħ għall-adeżjoni tar-Repubblika ta' San Marino, tal-Prinċipat ta' Andorra, tal-Prinċipat ta' Monaco u tar-Renju tal-Marokk.”.

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 2

Dan il-Protokoll għandu jkun miftuħ għall-iffirmar mill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim Interbus fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, li għandu jaġixxi bħala d-Depożitarju tal-Protokoll.

Artikolu 3

Dan il-Protokoll għandu jiġi ffirmat, approvat jew irratifikat mill-firmatarji f'konformità mal-proċeduri tagħhom stess. L-istrumenti ta' approvazzjoni jew ta' ratifika għandhom jiġu ddepożitati mad-Depożitarju tal-Protokoll, li għandu jinnotifika lill-Partijiet Kontraenti l-oħra kollha.

Artikolu 4

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara dak li fih il-Partijiet Kontraenti kollha jkunu ddepożitaw l-istrumenti ta' approvazzjoni jew ta' ratifika tagħhom mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 5

Dan il-Protokoll, imfassal bil-lingwa Ingliża, Franċiża u Ġermaniża, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku, għandu jiġi ddepożitat mad-Depożitarju, li għandu jittrażmetti kopja vera attestata lil kull waħda mill-Partijiet Kontraenti.

Artikolu 6

Kull Parti Kontraenti għandha tiżgura traduzzjoni tajba ta' dan il-Protokoll bil-lingwa(i) uffiċjali tagħha minbarra l-lingwi awtentiċi msemmija fl-Artikolu 5. Kopja ta' kull waħda minn dawn it-traduzzjonijiet għandha tiġi ddepożitata mad-Depożitarju li għandu jittrażmetti kopja ta' dawn it-traduzzjonijiet kollha lil kull waħda mill-Partijiet Kontraenti.

Artikolu 7

Dan il-Protokoll jissostitwixxi l-Protokoll tal-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) billi tiġi estiża l-possibbiltà ta' adeżjoni għar-Renju tal-Marokk, li kien miftuħ għall-iffirmar bejn is-16 ta' Lulju 2018 u s-16 ta' April 2019. Il-Protokoll preċedenti ma għandu jibqa' jkollu ebda valur ġuridiku.

Magħmul fi Brussell,

B'XHIEDA TA' DAN, il-plenipotenżjarji sottoskritti ffirmaw dan il-Protokoll.

Miftuħ għall-iffirmar fi Brussell.

Għall-Unjoni Ewropea

Għar-Repubblika tal-Albanija

Għall-Prinċipat ta' Andorra

Għall-Bożnija-Herzegovina

Għar-Repubblika tal-Moldova

Għall-Montenegro

Għar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq

Għar-Repubblika tat-Turkija

Għall-Ukrajna